MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 553/2006

**Talba Nru: 553/06VGD**

FGL Information Technology Limited (C 31198)

Vs

Kevin Saletti.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba mija, seba u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm457.42c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut, bl-ispejjez inkluz dawk tal-

mandat ta’ sekwestru numru 1597/06, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali, bl-imghax legali mill-24 ta’ Dicembru 2005 sal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba mija, seba u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm457.42c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------